Tema 7

# Ħbiebna l-ħlejjaq l-oħra



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal lessiku li għandu x'jaqsam ma' ħlejjaq domestiċi.**

**Tema 7: Ħbiebna l-ħlejjaq l-oħra**

🎧 **Silta tas-smigħ: Karla żżur il-'pet shop' tas-Sur Abela**

Sur Abela: Bonġu. Fiex nista' naqdik?

Karla: Nixtieq nixtri fenek biex inrabbih.

Sur Abela: Ejja miegħi ħa tagħżel wieħed.

Karla: Dan il-kannella ċar jogħġobni l-aktar.



Sur Abela: Hawn hu. Għandek gaġġa fejn tpoġġih?

Karla: Le. Agħtini waħda jekk jogħġbok.

Sur Abela: Ħa nagħtik waħda kbira ħa jkollu fejn jiġri.

Karla: Jien m'iniex se nħallih il-ħin kollu fil-gaġġa.

Sur Abela: Sew tagħmel. Irid l-eżerċizzju. Imma tħallihx igerrem wajers għax imut.

Karla: Miskin.

Sur Abela: U jekk se tħalli l-fenek idur madwar il-kamra għamillu l-kaxex biex iħammeġ fihom.

Karla: X'nagħtih jiekol?

Sur Abela: Ħa nagħtik ħaxix apposta għalih. Tih ukoll ħaxix aħdar bħal ħass u tursin.

Karla: Nagħtih frott?

Sur Abela: Iva bħal karrotti u tuffieħ.

Karla: Nista' nagħtih biċċa ċikkulata?

Sur Abela: Le. Lanqas tadam, piżelli u patata ma jista' jiekol. Dak kollox?

Karla: Iva.

Sur Abela: Ħallas lil Marta qabel toħroġ. Saħħa.

Karla: Saħħa.

**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Il-'pet shop' kien tas-Sur Attard. | | |
| 2. Karl ried jixtri fenek. | | |
| 3. Karla għażlet il-fenek il-kannella ċar. | | |
| 4. Jekk il-fenek igerrem xi wajers, jista' jmut. | | |
| 5. Karla ħallset lil Marta qabel ħarġet. | | |

**Eż. B: X'inhu tajjeb għall-fenek? Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| gaġġa żgħira | | karrotti | |
| eżerċizzju | | piżelli | |
| ħaxix | | tursin | |
| tadam | | patata | |
| ħass | | ċikkulata | |
| tursin | | | |

